

7.6.2013

A7-0144/ 001-002

EMENDI 001-002

mill-Kumitat għas-Sajd

Rapport

Raül Romeva i Rueda

A7-0144/2013

Is-sajd illegal, mhux irrappurtat u mhux irregolat

Proposta għal regolament (COM(2012)0332 – C7-0158/2012 – 2012/0162(COD))

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha għall-adozzjoni tal-atti ddelegati, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

(4) Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha għall-adozzjoni tal-atti ddelegati, inkluż fil-livell ta' esperti, ***biex ikollha informazzjoni oġġettiva, rigoruża, kompluta u aġġornata***. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. pt

Emenda 2

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 19

Ir-Regolament (KE) 1005/2008

Artikolu 54a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Id-delega tas-setgħat hija*** msemija fl-Artikoli 6(3), 9(1), 12(5), 12(6), 16(1), 16(4) u 17(3), ***u*** għandha tingħata għal perjodu ta' ***żmien indeterminat***.

Emenda:

2. ***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati*** msemija fl-Artikoli 6(3), 9(1), 12(5), 12(6), 16(1), 16(4) u 17(3) għandha tingħata ***lill-Kummissjoni*** għal perjodu ta' ***tliet snin mill-...****. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

**** ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Ġustifikazzjoni

Jidher li hu aktar xieraq li d-delega tiġi limitata fiż-żmien u li l-Kummissjoni tiġi obbligata tirrapporta dwar l-eżerċizzju tagħha biex isiru evalwazzjoni u mistoqsijiet regolament dwar l-użu tad-delega.